SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

18 ta' Diċembru 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Servizzi ta' kunsinna ta' pakketti postali lill-pubbliku – Direttiva 97/67/KE – Artikoli 22 u 22a – Regolament (UE) 2018/644 – Artikolu 4 – Deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali li timponi obbligi ta' informazzjoni fuq il-forniturituas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti – Bażi legali għall-kompetenza ta' dik l-awtorità li timponi obbligi speċifiċi ta' informazzjoni fuq operaturi li ma jwettqux kunsinna transkonfinali ta' pakketti – Proporzjonalità"

Fil-Kawża C-345/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Mejju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Mejju 2024, fil-proċeduri

Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (AGCOM)

vs

BRT SpA,

Federazione Italiana Trasportatori (FEDIT),

Associazione Italiana dei Corrieri Aerei Internazionali (AICAI),

DHL Express (Italy) Srl,

TNT Global Express Srl,

Fedex Express Italy Srl,

United Parcel Service Italia Srl,

Amazon Italia Transport Srl,

Amazon Italia Logistica Srl,

Amazon EU Sàrl,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

fil-preżenza ta':

Amazon Italia Transport Srl,

Amazon Italia Logistica Srl,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. L. Arastey Sahún, Presidenta tal-Awla, J. Passer, E. Regan, D. Gratsias u B. Smulders (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: C. Di Bella, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Marzu 2025,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal BRT SpA, minn E. Fumagalli, A. Manzi, u L. Scambiato, avvocati,

– għall-Federazione Italiana Trasportatori (FEDIT), minn M. Giordano, avvocato,

– għall-Associazione Italiana dei Corrieri Aerei Internazionali (AICAI), DHL Express (Italy) Srl, TNT Global Express Srl, Fedex Express Italy Srl u United Parcel Service Italia Srl, minn M. Giordano, avvocato,

– għal Amazon Italia Transport Srl, Amazon Italia Logistica Srl u Amazon EU Sàrl, minn M. Clarich, G. Fonderico u G. Nava, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn S. Fiorentino, bħala aġent, assistit minn E. De Bonis u B. Fiduccia, avvocati dello Stato,

– għall-Parlament Ewropew, minn I. Anagnostopoulou, C. Ionescu Dima u L. Stefani, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn M. Balta u A. Maceroni, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Conte u M. Mataija, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-legalità tar-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini (ĠU 2018, L 112, p. 19), kif ukoll l-interpretazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 71), kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 (ĠU 2008, L 52, p. 3, rettifika fil-ĠU 2015, L 225, p. 49) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 97/67").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawżi bejn l-Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (l-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet, l-Italja) (AGCOM) u operaturi awtorizzati jipprovdu lill-pubbliku servizzi ta' kunsinna ta' pakketti postali, BRT SpA, il-Federazione Italiana Trasportatori (FEDIT), l-Associazione Italiana dei Corrieri Aerei Internazionali (AICAI), DHL Express (Italy) Srl, TNT Global Express Srl, Fedex Express Italy Srl, United Parcel Service Italia Srl, Amazon Italia Transport Srl, Amazon Italia Logistica Srl u Amazon EU Sàrl (dawn l-aħħar tlieta ser jissejħu iktar 'il quddiem il-"kumpanniji tal-grupp Amazon"), dwar il-legalità ta' deċiżjoni adottata minn din l-awtorità li timponi fuq dawn l-operaturi ċerti obbligi ta' informazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

– *Id-Direttiva 97/67*

3 Skont il-premessi 11, 13, 24 u 22 tad-Direttiva 97/67:

"(11) […] huwa essenzjali li jiġi garantit fuq livell Komunitarju servizz postali universali li jħaddan firxa minima ta' servizzi ta' kwalità speċifikata li għandhom jigu pprovduti fl-Istati Membri kollha bi prezz li jintlaħaq minn kulħadd għall-benefiċċju tal-konsumaturi kollha irrispettivament mill-lokazzjoni ġeografika tagħhom fil-Komunità [Ewropea];

[…]

(13) […] servizz universali għandu jkopri s-servizzi nazzjonali kif ukoll s-servizzi bejn fruntiera u oħra;

[…]

(22) […] l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jirregolaw bi proċeduri ta' awtorizzazzjoni approprjati, fuq it-territorju tagħhom, il-provvista ta' servizzi postali li m'humiex riżervati għall-forniturі ta' servizz universali; […] dawn il-proċeduri għandhom ikunu trasparenti, mhux diskriminatorji, proporzjonati u bbazati fuq kriterji oġġettivi;

[…]"

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

1) *servizzi postali*: servizzi li jinvolvu l-*clearance*, l-issortjar, it-trasport u t-tqassim ta' oġġetti postali;

1a) *fornitur ta' servizzi postali*: impriża li tipprovdi servizz postali wieħed jew aktar;

[…]

6) *oġġett postali*: oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha ser jingarr minn fornitur ta' servizz postali. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza, dawk l-oġġetti jinkludu wkoll, per eżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru;

[…]

19) *rekwiżiti essenzjali*: raġunijiet ġenerali mhux ekonomiċi li jistgħu jiġiegħlu lil Stat Membru jimponi kondizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi postali. Dawn ir-raġunijiet huma l-kunfidenzjalità tal-korrispondenza, is-sigurtà tan-netwerk fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża, rispett għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, skemi tas-sigurtà soċjali, stabbiliti minn liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva u/jew bi ftehim kollettiv innegozjat bejn imsieħba soċjali nazzjonali, skond id-dritt Komunitarju u nazzjonali u, fejn iġġustifikat, il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-ippjanar reġjonali. […]"

5 L-Artikolu 9(1) u (2) tal-imsemmija direttiva, li jaqa' taħt il-Kapitolu 4 tagħha, intitolat "Kondizzjonijiet li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u l-aċċess għan-netwerk", jipprovdi:

"1. Għal servizzi li jaqgħu barra l-ambitu tas-servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu awtorizzazzjonijiet ġenerali sal-limitu meħtieġ sabiex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali.

2. Għal servizzi li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenzji individwali, sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali u biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz universali.

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

[…]

– fejn xieraq, jiġi magħmul soġġett għal jew jimponi obbligu għar-rispett tal-kondizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti mil-leġislazzjoni nazzjonali.

[…]"

6 Skont l-Artikolu 22(1) u (2) tal-istess direttiva:

"1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità regolatorja nazzjonali (iktar 'il quddiem 'ARN') waħda jew aktar għas-settur postali li jkunu ġuridikament separati mill-operaturi postali u joperaw b'mod indipendenti minnhom. L-Istati Membri li jżommu l-pussess jew il-kontroll ta' forniturі ta' servizz postali għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji minn attivitajiet assoċjati mal-pussess jew il-kontroll.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni [Ewropea] dwar l-[ARN] li jkunu nnominaw biex iwettqu l-kompiti li jirriżultaw minn din id-Direttiva. Huma għandhom jippubblikaw il-kompiti li ser jitwettqu mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'forma faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fejn dawk il-kompiti huma assenjati lil aktar minn korp wieħed. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn xieraq, konsultazzjoni u kooperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet u l-awtoritajiet nazzjonali fdati bl-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u l-liġi għall-protezzjoni tal-konsumatur dwar materji ta' interess komuni.

2. L-[ARN] għandu jkollhom bħala kompitu partikolari li jiżguraw konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, b'mod partikolari billi jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ u regolatorji biex jiżguraw il-forniment ta' servizz universali. Jistgħu wkoll jiġu fdati li jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali.

[…]"

7 L-Artikolu 22a tad-Direttiva 97/67, li jaqa' taħt il-Kapitolu 9a tagħha, intitolat "Provvista ta' informazzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-forniturі ta' servizzi postali jipprovdu l-informazzjoni kollha, b'mod partikolari lill-[ARN], inkluża dik finanzjarja u informazzjoni dwar il-forniment ta' servizz universali, notevolement għall-finijiet li ġejjin:

a) sabiex l-[ARN] jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta', jew ma' deċiżjonijiet meħudin skond din id-Direttiva;

b) għal finijiet statistiċi definiti b'mod ċar.

2. Il-forniturі ta' servizz postali għandhom jipprovdu tali informazzjoni minnufih fuq talba u b'mod kunfidenzjali fejn meħtieġ, fil-limiti ta' żmien u fil-livell ta' dettall mitlub mill-[ARN]. L-informazzjoni mitluba mill-[ARN] għandha tkun proporzjonata mal-prestazzjoni tal-kompiti tagħha. L-[ARN] li jiġġustifikaw it-talba għal dik l-informazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-[ARN] jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba, informazzjoni xierqa u rilevanti meħtieġa biex din twettaq il-kompiti tagħha taħt din id-Direttiva.

4. Fejn l-informazzjoni tkun ikkunsidrata bħala kunfidenzjali mill-[ARN], bi qbil ma' regoli Komunitarji u nazzjonali ta' konfidenzjalità rigward il-kummerċ, il-Kummissjoni u l-[ARN] konċernati għandhom jippreżervaw tali konfidenzjalità."

– *Id-Direttiva 2008/6/KE*

8 Skont il-premessa 51 tad-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji:

"L-[ARN] jeħtieġu jiġbru informazzjoni minn atturi tas-suq sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. Il-talbiet għal informazzjoni għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jimponu piż żejjed fuq l-impriżi. […]"

9 Il-punt 21 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/6 daħħal fid-Direttiva 97/67/KE l-Kapitolu 9a li jinkludi l-Artikolu 22a, iċċitat fil-punt 7 ta' din is-sentenza.

– *Ir-Regolament 2018/644*

10 Il-premessi 5, 13 u 16 sa 18 tar-Regolament 2018/644 jistipulaw:

"(5) Hemm differenzi fundamentali bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-kompetenzi konferiti lill-[ARN] fir-rigward tal-monitoraġġ tas-suq u s-superviżjoni regolatorja tal-forniturі tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti. Pereżempju, xi awtoritajiet jistgħu b'suċċess jobbligaw lill-forniturі jagħtu informazzjoni rilevanti dwar il-prezzijiet. L-eżistenza ta' dawn id-differenzi ġiet ikkonfermata minn opinjoni konġunta tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej għal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u tal-Grupp Ewropew tar-Regolaturi tas-Servizzi Postali, li kkonkludiet li l-[ARN] jeħtieġu setgħat regolatorji xierqa biex jintervjenu u li dawn is-setgħat ma jidhirx li huma preenti fl-Istati Membri kollha. Dawk id-differenzi jwasslu għal piżijiet amministrattivi u spejjeż ta' konformità addizzjonali għall-forniturі tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti li joperaw min-naħa għall-oħra tal-fruntieri. Dawn id-differenzi għalhekk jikkostitwixxu ostakolu għall-provvista transkonfini ta' servizzi tal-konsenja tal-pakketti u għalhekk iħallu effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern.

[…]

(13) Bħalissa, is-servizzi postali huma regolati mid-Direttiva [97/67]. Dik id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u s-servizz postali universali fl-Unjoni [Ewropea]. Id-Direttiva tiffoka primarjament, iżda mhux esklussivament, fuq servizzi universali nazzjonali u ma tindirizzax is-superviżjoni regolatorja tal-forniturі tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti. Il-konformità mar-rekwiżiti minimi tas-servizz universali stabbiliti f'dik id-Direttiva hija żgurata mill-[ARN] maħtura mill-Istati Membri. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jikkumplimenta, sa fejn huma konċernati s-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva [97/67]. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-garanziji stabbiliti fid-Direttiva [97/67], inklużа b'mod partikolari l-provvista kontinwa ta' servizz postali universali għall-utenti.

[…]

(16) Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li jingħataw definizzjonijiet ċari ta' pakketti, servizzi tal-konsenja tal-pakketti u ta' forniturі tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti u li jiġi speċifikat liema oġġetti postali huma koperti b'dawk id-definizzjonijiet. […]

(17) Forniturі tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti li jużaw mudelli kummerċjali alternattivi, pereżempju dawk li jibbażaw ruħhom fuq l-ekonomija kollaborattiva u l-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku, jenħtieġ li jiġu soġġetti għal dan ir-Regolament jekk jipprovdu mill-inqas wieħed mill-istadji fil-katina tal-konsenja postali. Is-servizzi li fihom jingħabru, jiġu ssortjati, u jitqassmu l-pakketti, inklużi servizzi tal-ġbir tal-pakketti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala servizzi tal-konsenja tal-pakketti, inkluż meta huma jkunu pprovduti minn forniturі ta' servizzi express u tal-kurrier, kif ukoll il-konsolidaturi, f'konformità mal-prattika attwali. […]

(18) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal impriżi li jkunu stabbiliti fi Stat Membru wieħed biss u li jkollhom netwerks ta' konsenja interni nazzjonali biss sabiex jonoraw l-ordnijiet ta' oġġetti li jkunu biegħu huma stess taħt kuntratt ta' bejgħ skont it-tifsira tal-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64, rettifika fil-ĠU L, 2024/90093)]. L-impriżi li jużaw anke netwerks ta' konsenja interni nazzjonali għall-konsenja ta' oġġetti mibjugħa minn terzi persuni jenħtieġ li jkunu soġġetti għal dan ir-Regolament."

11 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", fil-punt 3 tiegħu jiddefinixxi l-kunċett ta' "fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti" bħala "impriża li tipprovdi servizz wieħed jew aktar tal-konsenja tal-pakketti bl-eċċezzjoni tal-impriżi stabbiliti fi Stat Membru wieħed biss, li jipprovdu biss servizzi domestiċi tal-konsenja tal-pakketti bħala parti minn kuntratt ta' bejgħ u li bħala parti mill-kuntratt jikkonsenjaw personalment oġġetti li huma s-suġġett ta' dak il-kuntratt lill-utent".

12 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, intitolat "L-għoti tal-informazzjoni", jipprovdi:

"1. Il-forniturі kollha tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti għandhom jissottomettu lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti, l-informazzjoni li ġejja, sakemm l-awtorità regolatorja nazzjonali ma tkunx diġà talbitha u rċevietha:

a) isimhom, l-istatus u l-forma ġuridika tagħhom, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom f'reġistru kummerċjali jew f'reġistru simili, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tagħhom, l-indirizz tal-istabbiliment tagħhom u d-dettalji ta' kuntatt ta'persuna ta' kuntatt;

b) il-karatteristiċi, u, fejn possibbli, deskrizzjoni dettaljata, tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti offruti minnhom;

c) it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ tagħhom għas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti, inklużi dettalji tal-proċeduri ta' lment għall-utenti u kwalunkwe limitazzjoni potenzjali ta' responsabbiltà.

2. Il-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti għandhom jinformaw lill-awtorità regolatorja nazzjonali bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 30 jum.

3. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena kalendarja, il-fornituri kollha tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti għandhom jissottomettu lill-[ARN] tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti, l-informazzjoni li ġejja, sakemm l-[ARN] ma tkunx diġà talbitha u rċevietha din l-informazzjoni:

a) il-fatturat annwali f'servizzi tal-konsenja tal-pakketti għas-sena kalendarja preċedenti fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti, maqsum f'servizzi tal-konsenja tal-pakketti domestiċi, dawk transkonfini li jkunu daħlu fil-pajjiż u dawk li jkunu ħarġu minnu;

b) l-għadd ta' persuni li jaħdmu għalihom matul is-sena kalendarja preċedenti involuti fl-għoti ta' servizzi tal-konsenja tal-pakketti fl-Istat Membru li fihom huma stabbiliti, inkluża analiżi maqsuma li turi l-għadd ta' persuni skont l-istatus ta' impjieg, u b'mod partikolari,dawk li jaħdmu fuq bażi full-time u part-time, dawk li huma impjegati temporanji u dawk li jaħdmu għal rashom;

c) l-għadd tal-pakketti mmaniġġati matul is-sena kalendarja preċedenti fl-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, maqsuma f'pakketti domestiċi, dawk transkonfini li jkunu daħlu fil-pajjiż u dawk li jkunu ħarġu minnu.

d) l-ismijiet tas-sottokuntratturi tagħhom, flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni fil-pussess tagħhom li tikkonċerna l-karatteristiċi tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti pprovduti minn dawk is-sottokuntratturi.

e) fejn disponibbli, kwalunkwe lista ta' prezzijiet aċċessibbli għall-pubbliku applikabbli fl-[1] ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għal servizzi tal-konsenja tal-pakketti.

4. Sat-23 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxi formula għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12.

5. L-[ARN] jistgħu jimponu rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali ma' dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 3 dment li jkunu meħtieġa u proporzjonati.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 m'għandhom japplikaw għall-ebda fornitur ta' servizzi tal-konsenja tal-pakketti li matul is-sena kalendarja preċedenti kellu medja ta' anqas minn 50 persuna li jaħdmu għalih u li huma involuti fl-għoti tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit dak il-fornitur, sakemm dak il-fornitur ma jkunx stabbilit f'aktar minn Stat Membru wieħed. [ARN] tista' tinkludi fil-limitu minimu ta' 50 persuna, il-persuni li jaħdmu għas-sottokuntratturi tal-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti.

7. Minkejja l-paragrafu 6, [ARN] tista' titlob l-informazzjoni li għandha tingħata skont il-paragrafi 1 sa 5 mingħand kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti li, matul is-sena kalendarja preċedenti, ikun impjega medja ta' bejn 25 u 49 persuna fejn l-ispeċifiċitajiet tal-Istat Membru kkonċernat ikunu jeħtieġu hekk u dment li jkun meħtieġ u proporzjonat sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament."

13 L-Artikolu 5 tal-istess regolament, intitolat "It-trasparenza tat-tariffi transkonfini", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-forniturі kollha tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini għajr dawk eskluż mill-Artikolu 4(6) u (7) għandhom jipprovdu lill-[ARN] tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti b'lista pubblika ta' tariffi applikabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għall-konsenja ta' oġġetti postali individwali, għajr għal oġġetti ta' korrispondenza, li jaqgħu fil-kategoriji elenkati fl-Anness. Dik l-informazzjoni għandha tingħata sal-31 ta' Jannar ta' kull sena."

14 L-Artikolu 6 tar-Regolament 2018/644 intitolat "Il-valutazzjoni tat-tariffi transkonfini għal-pakketti individwali" jipprovdi:

"1. Abbażi tal-listi pubbliċi ta' tariffi miksuba skont l-Artikolu 5, l-[ARN] għandha tidentifika, għal kull oġġetti postali individwali elenkat fl-Anness, it-tariffi transkonfini tal-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti li joriġina fl-Istat Membru tagħha u li huma soġġetti għal obbligu ta' servizz universali li l-[ARN] oġġettivament tqis li għandha tivvaluta.

2. L-[ARN] għandha b'mod oġġettiv tevalwa, f'konformità mal-prinċipji fl-Artikolu 12 tad-Direttiva [97/67], it-tariffi transkonfini identifikati taħt il-paragrafu 1 sabiex tidentifika dawk it-tariffi transkonfini li hija tqis li huma għoljin b'mod mhux raġonevoli. F'dik il-valutazzjoni, l-[ARN] għandha b'mod partikolari tqis l-elementi li ġejjin:

a) it-tariffi domestiċi u kwalunkwe tariffa rilevanti oħra tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti komparabbli fl-Istat Membru tal-oriġini u fl-Istat Membru tad-destinazzjoni;

[…]"

15 L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, intitolat "Informazzjoni lill-konsumaturi" jipprevedi:

"Għal kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/83/UE, in-negozjanti kollha li jikkonkludu kuntratti ta' bejgħ mal-konsumaturi li jinkludu l-bgħit tal-pakketti transkonfini għandhom, fejn ikun possibbli u applikabbli, jagħmlu disponibbli, fl-istadju prekuntrattwali, informazzjoni dwar l-għażliet ta' konsenja transkonfini b'rabta mal-kuntratt ta' bejgħ speċifiku u l-imposti pagabbli mill-konsumaturi għall-konsenja tal-pakketti transkonfini, kif ukoll, fejn applikabbli, il-politiki tagħhom stess għat-trattament tal-ilmenti."

16 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament, intitolat "Il-kunfidenzjalità", jipprovdi:

"Kwalunkwe informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali pprovduta f'konformità ma' dan ir-Regolament lill-[ARN] jew lill-Kummissjoni għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità stretti skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali."

Id-dritt Taljan

– *Id-Digriet leġiżlattiv Nru 261/99*

17 L-Artikolu 2(4) tad-decreto legislativo n. 261 – Attuazione della direttiva 97/67/CE concernente regole comuni per lo sviluppo del mercato interno dei servizi postali comunitari e per il miglioramento della qualità del servizio (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 261, li jittrasponi d-Direttiva

[97/67]), tat-22 ta' Lulju 1999 (GURI Nru 182, tal-5 ta' Awwissu 1999), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawżi prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 261/99"), jipprevedi li l-ARN tas-settur postali:

"[…] teżerċita, b'indipendenza sħiħa ta' evalwazzjoni u ta' deċiżjoni, il-funzjonijiet li ġejjin:

a) regolamentazzjoni tas-swieq postali;

b) il-parteċipazzjoni fil-ħidma u l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea u internazzjonali fil-limitu tal-kompetenzi tal-għoti tagħha;

c) l-adozzjoni ta' atti regolatorji relatati mal-kwalità u mal-karatteristiċi tas-servizz postali universali msemmija fl-Artikolu 12, inkluża d-determinazzjoni tal-kriterji raġonevoli li għandhom jiġu applikati sabiex jiġu indikati l-punti tat-territorju nazzjonali neċessarji sabiex jiġi żgurat servizz regolari u omoġenju;

d) adozzjoni ta' atti regolatorji fil-qasam ta' aċċess għan-network postali u għas-servizzi relatati, id-determinazzjoni tat-tariffi tas-setturi rregolati u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq postali;

e) eżerċizzju tal-attività ta' monitoraġġ, kontroll u verifika tal-konformità mal-kriterji ta' kwalità tas-servizz postali, inkluż permezz ta' partijiet terzi;

f) superviżjoni – eżerċitata wkoll permezz ta' rikors għall-korpi territorjali tal-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku – tal-konformità mal-obbligi imposti fuq il-fornitur tas-servizz universali u mal-obbligi li joħorġu minn liċenzji u awtorizzazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet ġenerali għall-provvista ta' servizzi postali;

g) analiżi u monitoraġġ tas-swieq postali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezz tas-servizzi, inkluż il-ħolqien ta' osservatorju għal dan il-għan."

18 L-Artikolu 14*bis* tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 261/99, intitolat, "Informazzjoni" jipprovdi:

"1. Il-fornituri ta' servizzi postali għandhom jikkomunikaw lill-[ARN], fejn xieraq, b'mod kunfidenzjali, skont il-limiti ta' żmien u l-livell ta' dettall meħtieġ, l-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni finanzjarja u informazzjoni relatata mal-provvista ta' servizz universali, b'mod partikolari għall-finijiet li ġejjin:

a) il-garanzija tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet kif ukoll tad-deċiżjonijiet adottati skont dan id-digriet;

b) għal finijiet statistiċi definiti b'mod ċar.

2. L-[ARN] għandha, fuq talba, tipprovdi lill-Kummissjoni […] bl-informazzjoni xierqa u rilevanti li teħtieġ sabiex twettaq il-kompiti tagħha.

3. Meta l-[ARN] tqis li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 hija kunfidenzjali, skont ir-regoli Komunitarji u nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tan-negozju, hija għandha tiżgura t-trattament kunfidenzjali tagħha."

– *Id-Deċiżjoni 94/22/CONS*

19 Id-dispożittiv tad-delibera 94/22/CONS recante “Obblighi regolamentari nel mercato dei servizi di consegna dei pacchi” (deċiżjoni 94/22/CONS li tistabbilixxi “Obbligi regolamentari fuq is-suq tas-servizzi ta’ kunsinna ta’ pakketti”), tal-31 ta’ Marzu 2022, tal-AGCOM, jipprovdi l-obbligi li ġejjin:

“Artikolu 1

Obbligi ġenerali ta’ informazzjoni

1. L-operaturi awtorizzati […] li jipprovdu lill-pubbliku servizzi ta’ kunsinna ta’ pakketti postali li jimpjegaw, għall-attivitajiet postali, mill-inqas 50 impjegat u wettqu, matul mill-inqas tliet snin konsekuttivi, għall-attivitajiet li jaqgħu taħt is-servizzi postali, kif iddefiniti fl-Artikolu 1(2)(a) tad-[Digriet Leġiżlattiv Nru 261/1999], dħul mill-bejgħ annwali ta’ iktar minn EUR 10 miljun, għandhom kull sena jibagħtu lill-Awtorità l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi segwenti.

2. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jittrażmettu lill-Awtorità l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi tas-servizzi offruti lill-pubbliku li l-pubblikazzjoni tagħhom hija diġà obbligatorja skont l-Artikolu 5(1)(d) u (e) tal-Anness A tad-Deċiżjoni 413/14/CONS. L-operaturi għandhom jittrażmettu wkoll il-kundizzjonijiet ekonomiċi ta’ riferiment (prezzijiet medji) għall-gruppi ta’ klijenti professjonali li ġejjin, iddefiniti skont id-dħul mill-bejgħ annwali tagħhom:

– iktar minn miljun euro ta’ dħul mill-bejgħ annwali;

– EUR 250 000 < dħul mill-bejgħ annwali < EUR 1 miljun;

– EUR 50 000 < dħul mill-bejgħ annwali < EUR 250 000 miljun;

– EUR 5 000 < dħul mill-bejgħ annwali < EUR 50 000 miljun.

3. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu lill-Awtorità l-kuntratti fis-seħħ konklużi direttament mal-impriżi tas-settur li jikkontribwixxu għall-provvista tas-servizz postali u li jirregolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom ma’ dawn l-impriżi.

4. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu lill-Awtorità dikjarazzjoni dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-persuni kollha involuti fl-għoti tas-servizz u fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni tan-network.

5. L-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu lill-Awtorità l-kuntratti standard li jużaw mal-persunal li jappartjeni għall-kategoriji differenti fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni.

Artikolu 2

Obbligi speċifiċi ta’ informazzjoni imposti fuq Amazon

1. Minbarra l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 1, Amazon għandha tibgħat lill-Awtorità l-informazzjoni li ġejja:

a) il-prezz medju ffatturat lill-bejjiegħa bl-imnut li jipparteċipaw fil-programm Amazon Logistics (imsejjaħ "FBA") għas-servizz ta' kunsinna;

b) il-prezz medju unitarju mħallas lid-"Delivery Service Partner" (DSP) (Imsieħba tas-Servizz ta' Kunsinna) għas-servizz ta' distribuzzjoni; u

c) il-prezz medju unitarju mħallas lill-operaturi l-oħra ta' kunsinna ta' pakketti għas-servizz ta' kunsinna."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

20 Fil-31 ta' Marzu 2022, l-AGCOM adottat id-Deċiżjoni 94/22/CONS. Permezz ta' din id-deċiżjoni, din l-ARN imponiet fuq l-operaturi kollha ta' daqs medju u kbir attivi fis-suq tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti l-obbligu li jikkomunikawlha kull sena ċerta informazzjoni ġenerali. Minbarra dan, din id-deċiżjoni imponiet fuq il-kumpanniji tal-grupp Amazon obbligi ta' informazzjoni speċifiċi.

21 Dawn l-obbligi ta' informazzjoni ġenerali, li l-qorti tar-rinviju tindika bħala li huma "simetriċi", japplikaw għal operaturi ta' servizzi postali li jimpjegaw, għall-attivitajiet postali, mill-inqas 50 impjegat u ġġeneraw dħul mill-bejgħ ta' iktar minn EUR 10 miljun matul mill-inqas tliet snin konsekuttivi, għall-attivitajiet li jaqgħu taħt is-servizzi postali. L-imsemmija obbligi ta' informazzjoni ġenerali jirrigwardaw:

– l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi tas-servizzi offruti lill-pubbliku li l-pubblikazzjoni tagħhom hija diġà obbligatorja skont deċiżjoni preċedenti;

– il-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' riferiment (prezzijiet medji) għal ċerti gruppi ta' klijenti professjonali ddefiniti skont id-dħul mill-bejgħ annwali tagħhom;

– il-kuntratti fis-seħħ konklużi direttament mal-impriżi tas-settur li jikkontribwixxu għall-provvista tas-servizz postali, li jirregolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom ma' dawn l-impriżi;

– dikjarazzjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-persuni kollha involuti fl-għoti tas-servizz u fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni tan-network;

– il-kuntratti standard użati mal-persunal li jappartjeni għall-kategoriji differenti fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni.

22 Il-kumpanniji tal-grupp Amazon għandhom jibagħtu informazzjoni addizzjonali lill-AGCOM. Il-qorti tar-rinviju ssejjaħ dawn l-obbligi ta' informazzjoni speċifiċi "asimetriċi".

23 Id-deċiżjoni 94/22/CONS kienet is-suġġett ta' erba' rikorsi għal annullament quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja).

24 It-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) laqgħet dawn l-erba' rikorsi. Għal tlieta minnhom, ippreżentati, rispettivament, minn BRT, mill-FEDIT kif ukoll mill-AICAI, DHL Express (Italy), TNT Global Express, Fedex Express Italy u United Parcel Service Italia, din il-qorti kkritikat, minbarra nuqqas ta' investigazzjoni, in-nuqqas ta' neċessità u ta' proporzjonalità tal-obbligi ta' informazzjoni indikati bħala "simetriċi".

25 Fir-rigward tar-raba' rikors, ippreżentat mill-kumpanniji tal-grupp Amazon, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio) qieset li dawn il-kumpanniji ma kinux jeżerċitaw attività transkonfinali u li għalhekk ma kienx hemm bażi legali "ċerta" li tippermetti lill-AGCOM timponi obbligi ta' informazzjoni fir-rigward tagħhom.

26 L-AGCOM ippreżentat appell mis-sentenzi tat-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio) quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li hija l-qorti tar-rinviju, li għaqdet flimkien l-erba' tilwimiet fil-kawżi prinċipali.

27 Fid-dawl tal-motivi mqajma mill-AGCOM, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-eżistenza u l-portata tal-bażi legali li tista' tkun il-bażi tal-ġurisdizzjoni tal-AGCOM sabiex timponi obbligi ta' informazzjoni bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

28 Din il-qorti tistaqsi, qabelxejn, jekk, fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi ta' kunsinna mhux transkonfinali, bħall-kumpanniji tal-grupp Amazon, l-AGCOM għandhiex bażi legali sabiex timponi tali obbligi.

29 Id-dubji tal-imsemmija qorti f'dan ir-rigward huma sostnuti mill-fatt li, fl-appell tagħha, l-AGCOM issostni li l-kompetenzi tagħha jirriżultaw, b'mod partikolari, minn ċerti premessi tad-Direttiva 97/67 u tar-Regolament 2018/644. Din l-awtorità tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq il-premessa 51 tad-Direttiva 2008/6. Issa, skont l-istess qorti, dan jista' jiżvela d-diffikultà li tiġi identifikata regola ċara u espliċita li fuqha huma bbażati s-setgħat eżerċitati mill-AGCOM.

30 Sussegwentement, fir-rigward tal-portata tal-ġurisdizzjoni tal-AGCOM, il-qorti tar-rinviju tistaqsi liema huma l-limiti tal-intervent regolatorju ta' din l-awtorità meta hija timponi obbligi ġenerali ta' informazzjoni. F'dan ir-rigward, dik il-qorti tfakkar li l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 97/67, għal dak li jirrigwarda s-servizzi li ma jaqgħux taħt is-servizz universali, jawtorizza lill-Istati Membri sabiex jintroduċu awtorizzazzjonijiet ġenerali sa fejn dan ikun neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-osservanza tar-rekwiżiti essenzjali. Hija tistaqsi jekk l-obbligi ta' informazzjoni imposti mill-AGCOM jistgħux jiġu ġġustifikati minn wieħed mir-rekwiżiti essenzjali ddefiniti fil-punt 19 tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva u jekk humiex proporzjonati.

31 Fir-rigward ta' dan l-aħħar aspett, l-imsemmija qorti tfakkar li l-Artikolu 14*bis* tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 261/99, li huwa intiż li jittrasponi l-Artikolu 22a tad-Direttiva 97/67 fid-dritt Taljan, ippreveda, fil-qasam tal-obbligi ta' informazzjoni, setgħa ġenerali li tista' tiġi eżerċitata każ b'każ billi f'kull każ tingħata motivazzjoni għall-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-AGCOM hija għalhekk awtorizzata titlob informazzjoni mingħand l-operaturi sabiex tkun tista' twettaq b'mod effettiv il-kompiti fdati lilha mil-leġiżlatur tal-Unjoni u mil-leġiżlatur nazzjonali, billi tindirizza lil kull wieħed mill-operaturi li hija tqis li l-attivitajiet tiegħu huma rilevanti għall-eżerċizzju konkret ta' dawn il-funzjonijiet, abbażi ta' talbiet speċifiċi u b'rabta mal-imsemmija missjonijiet.

32 Issa, skont il-qorti tar-rinviju, ir-risposta għad-domanda dwar jekk id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jippermettux ukoll li jiġu imposti obbligi ta' informazzjoni ġenerali jew jekk jikkostitwixxux il-bażi legali tal-eżerċizzju tas-setgħat inkwistjoni fil-kawża prinċipali tibqa' inċerta.

33 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 94/22/CONS kienet iġġustifikata, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni favur il-kompetizzjoni, mill-għan li jiġi evitat jew imnaqqas ir-riskju ta' distorsjoni tad-dinamika kompetittiva fis-settur ikkonċernat.

34 Sabiex, b'mod partikolari, jittejbu l-kompetizzjoni u t-trasparenza għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u medji kif ukoll sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-problemi ta' kompetizzjoni li jinqalgħu f'setturi ekonomiċi fejn il-pjattaformi online jaġixxu bħala gwardjani tal-aċċess ("gatekeepers"), l-AGCOM imponiet fuq l-operaturi tas-suq tal-kunsinna tal-pakketti obbligi ta' informazzjoni li, skont il-qorti tar-rinviju, imorru lil hinn minn dawk li huma strettament marbuta mal-protezzjoni tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi. Madankollu, din il-qorti tistaqsi jekk huwiex neċessarju li l-ARN jingħataw ukoll is-setgħa li jivverifikaw kif l-impriżi jakkwistaw u jeżerċitaw is-setgħa tagħhom u liema jistgħu jkunu l-konsegwenzi ta' setgħa indebita, mhux biss għall-konsumaturi, iżda wkoll għall-kompetituri tas-settur ikkonċernat, il-ħaddiema u s-soċjetà b'mod ġenerali.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-Regolament [2018/644], fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni, japplika bħala tali biss għall-fornituri ta' servizzi ta' konsenji transkonfinali jew, b'mod ġenerali, għall-fornituri ta' servizzi kollha tal-konsenja tal-pakketti, bla ħsara għall-esklużjonijiet speċifiċi relatati ma' dispożizzjonijiet individwali?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun li huwa japplika biss għall-fornituri ta' servizzi ta' konsenja transkonfinali, id-Direttiva [97/67] jew l-hekk imsemmija 'setgħat impliċiti' jipprovdu l-bażi legali għall-[ARN] biex jimponu, fi kwalunkwe avveniment, fuq il-fornituri ta' servizzi ta' konsenja, inklużi dawk mhux transkonfinali, obbligi ġenerali biex jipprovdu informazzjoni?

3) Jekk ir-risposta għat-tieni domanda tkun fin-negattiv, il-fatt li r-Regolament [2018/644] ma japplikax għall-fornituri ta' konsenja mhux transkonfinali għandha titqies bħala raġonevoli, non-diskriminatorja u skont l-Artikoli 14, 114 u 169 tat-[TFUE]?

4) Sa fejn (inkluż mill-perspettiva ta' neċessità u ta' proporzjonalità) tista' l-[ARN] timponi obbligi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' konsenja ta' pakketti biex jipprovdu informazzjoni u, b'mod partikolari, ikun possibbli li jiġi impost, fuq il-fornituri kollha mingħajr distinzjoni, obbligi biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar
   i) il-kundizzjonijiet applikati għal diversi tipi ta' klijenti;
   ii) il-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-impriża individwali li tipprovdi servizz ta' konsenja ta' pakketti u l-impriżi li b'diversi modi, skont l-ispeċifiċitajiet tas-settur, jikkontribwixxu għall-provvista ta' dan is-servizz;
   iii) il-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-protezzjoni legali mogħtija lill-ħaddiema impjegati f'diversi kapaċitajiet fil-provvista tas-servizz?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

36 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament 2018/644 għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika, fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-ARN ikkonċernata, biss għall-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna transkonfinali ta' pakketti jew, b'mod ġenerali, għal kull fornitur ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, ħlief fil-każ ta' esklużjoni speċifika.

37 Kif jirriżulta mit-titolu tiegħu, ir-Regolament 2018/644 jikkonċerna s-servizzi ta' kunsinna transkonfinali ta' pakketti. Madankollu, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament tipprovdi li, għall-finijiet tiegħu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/67. L-imsemmi regolament jikkostitwixxi, fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu, moqri fid-dawl tal-premessa 13 tiegħu, suppliment għal din id-direttiva. Issa, skont il-punt 1a tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, "fornitur ta' servizzi postali" huwa ddefinit bħala "impriża li tipprovdi servizz postali wieħed jew aktar". Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-forniturі ta' servizzi nazzjonali u dawk transkonfinali.

38 Barra minn hekk, il-punt 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2018/644 jiddefinixxi "fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti" bħala "impriża li tipprovdi servizz wieħed jew aktar tal-konsenja tal-pakketti bl-eċċezzjoni tal-impriżi stabbiliti fi Stat Membru wieħed biss, li jipprovdu biss servizzi domestiċi tal-konsenja tal-pakketti bħala parti minn kuntratt ta' bejgħ u li bħala parti mill-kuntratt jikkonsenjaw personalment oġġetti li huma s-suġġett ta' dak il-kuntratt lill-utent". Għaldaqstant, lanqas ma jista' jiġi dedott minn din id-dispożizzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jkopri biss il-forniturі tas-servizzi ta' kunsinna transkonfinali ta' pakketti, b'tali mod li l-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna nazzjonali ta' pakketti kollha jiġu esklużi *a priori* mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

39 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, li għandha tinqara fid-dawl tal-premessa 18 tar-Regolament 2018/644, din teskludi biss minn dan il-kamp ta' applikazzjoni kategorija speċifika ta' forniturі ta' servizzi ta' kunsinna nazzjonali ta' pakketti, jiġifieri dik tal-impriżi stabbiliti fi Stat Membru wieħed li jwettqu tali kunsinni biss sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' merkanzija mibjugħa lil konsumaturi abbażi ta' kuntratti konklużi bejn dawn l-impriżi u dawn il-konsumaturi. Għalhekk, din l-eċċezzjoni ma tirrigwardax l-impriżi li jużaw in-networks ta' kunsinna nazzjonali tagħhom sabiex jgħaddu merkanzija li tkun inbiegħet minn terzi.

40 Minn dan isegwi li l-eċċezzjoni prevista fil-punt 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2018/644 għandha portata limitata u ma timplikax li l-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dan ir-regolament, peress li jwettqu biss kunsinni fit-territorju nazzjonali ta' Stat Membru.

41 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 4 tar-Regolament 2018/644, li jirrigwarda, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tiegħu, speċifikament il-komunikazzjoni ta' informazzjoni, japplika, bħala prinċipju, għall-forniturі kollha ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament.

42 Fil-fatt, l-Artikolu 4(1) u (3) tar-Regolament 2018/644 jimponi fuq il-"forniturі kollha tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti" l-obbligu li jipprovdu ċerta informazzjoni lill-ARN ikkonċernata. L-Artikolu 4(2) ta' dan ir-regolament jobbliga "lill-forniturі ta' servizzi ta' konsenja ta' pakketti" jikkomunikaw fit-terminu indikat kull bidla li tikkonċerna l-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 4(1) tiegħu, li jimplika li dan l-obbligu jkopri l-istess kategorija ta' forniturі bħal dik ikkonċernata minn dan l-aħħar paragrafu.

43 Għalhekk, l-Artikolu 4(3)(c) tal-imsemmi regolament jimponi fuq dawn il-forniturі l-obbligu li jikkomunikaw in-numru ta' pakketti li ġew ipproċessati matul is-sena kalendarja preċedenti fl-Istat Membru li fih huma stabbiliti, imqassma f'pakketti nazzjonali u f'pakketti transkonfinali. Il-fatt li l-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti nazzjonali jistgħu jipprovdu informazzjoni lill-ARN biss fir-rigward tal-pakketti nazzjonali għalhekk ma jfissirx li dawn għandhom jitqiesu li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istess regolament.

44 Barra minn hekk, l-Artikolu 4(5) tar-Regolament 2018/644, li jippermetti lill-ARN titlob informazzjoni addizzjonali, jirreferi espliċitament għall-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-artikolu, li jimplika li dawn it-talbiet jistgħu jiġu indirizzati lill-istess destinatarji, jiġifieri l-forniturі kollha ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament.

45 Għalkemm l-Artikolu 4(6) tar-Regolament 2018/644 jipprevedi l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' forniturі ta' dawn is-servizzi mill-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-artikolu, din l-eżenzjoni tapplika biss għal impriżi ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti ta' daqs żgħir li jwettqu kunsinni interni u bil-kundizzjoni li dawn ikunu stabbiliti fi Stat Membru wieħed. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(7) ta' dan ir-regolament jippermetti lil ARN titlob, taħt ċerti kundizzjonijiet, informazzjoni mingħand ċerti forniturі ta' servizzi li jaqgħu bħala prinċipju taħt il-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu.

46 Minn dawn id-dispożizzjonijiet kollha jirriżulta li, irrispettivament mill-portata territorjali tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti pprovduti, il-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament 2018/644, huma, bħala prinċipju, suġġetti għall-obbligi ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni imposti minn dan ir-regolament.

47 Fit-tielet lok, għandu jiġi osservat, bħalma għamel il-Parlament Ewropew, li r-Regolament 2018/644 jippreżenta s-sistema ta' sorveljanza regolatorja fil-Kapitolu II tiegħu bħala li hija komposta minn sensiela ta' stadji li għandhom rabta bejniethom. Għalhekk, l-Artikolu 4 tiegħu jippermetti lill-ARN jiksbu informazzjoni sabiex jifhmu l-kompożizzjoni u l-funzjonament tas-suq tal-kunsinna ta' pakketti, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fir-rigward tal-kunsinni transkonfinali. Skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, l-ARN jirċievu l-listi tat-tariffi pubbliċi mill-forniturі tas-servizzi ta' kunsinna tal-pakketti transkonfinali. Skont l-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, l-ARN għandhom jidentifikaw it-tariffi li huma jqisu neċessarji li jevalwaw u jevalwawhom. L-Artikolu 7 tal-istess regolament jobbliga, fl-aħħar nett, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-kummerċjanti li jkunu biegħu lil konsumaturi oġġetti li ser ikunu s-suġġett ta' kunsinna transkonfinali ta' pakketti, li jinformawhom, b'mod partikolari, dwar l-għażliet ta' kunsinna transkonfinali u l-ispejjeż marbuta magħhom.

48 L-għan imfittex minn kull waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet jiġġustifika d-distinzjoni li r-Regolament 2018/644 jagħmel bejn id-destinatarji tal-obbligu ta' informazzjoni kkonċernat. Tabilħaqq, ċerti obbligi, li huma iktar immirati min-natura u l-funzjoni tagħhom, huma mmirati speċifikament lejn il-forniturі tas-servizzi tal-kunsinna transkonfinali ta' pakketti. Għalhekk, l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament japplika biss għal dawn il-forniturі ta' servizzi, peress li huwa

intiż li jimplimenta l-għan ta' trasparenza tat-tariffi ta' kunsinna transkonfinali ta' pakketti diġà ppubblikati. L-informazzjoni rilevanti f'dan ir-rigward tista', fil-fatt, tinkiseb biss mill-forniturі li jipprovdu tali servizzi ta' kunsinna. Min-naħa l-oħra, obbligi oħra bħalma huma l-obbligi ġenerali ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament 2018/644, japplikaw mingħajr distinzjoni għall-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, irrispettivament mit-territorju li fih jitwettqu dawn il-kunsinni.

49 Għalhekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-natura nazzjonali jew transkonfinali tas-servizz ta' kunsinna ta' pakketti hija rilevanti mhux sabiex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dan ir-regolament, iżda sabiex jiġi ddeterminat it-tip ta' informazzjoni rilevanti li għandha tiġi kkomunikata fid-dawl tal-għan imfittex minn kull waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li r-Regolament 2018/644 għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika, fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-ARN ikkonċernata, għal kull fornitur ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, indipendentement min-natura nazzjonali jew transkonfinali tas-servizzi kkonċernati, ħlief fil-każ ta' esklużjoni speċifika.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

51 Kif jirriżulta mill-formulazzjoni tagħhom, it-tieni u t-tielet domanda huma magħmula fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun timplika li r-Regolament 2018/644 japplika biss, f'dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni tal-informazzjoni, għall-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna transkonfinali ta' pakketti.

52 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda.

Fuq ir-raba' domanda

53 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 22 u 22a tad-Direttiva 97/67 u/jew l-Artikolu 4 tar-Regolament 2018/644, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li ARN timponi fuq il-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti obbligi ta' informazzjoni ġenerali, li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ipprattikati fir-rigward tad-diversi tipi ta' klijenti, jiġifieri l-pubbliku u ċerti klijenti professjonali, il-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjonijiet mal-impriżi li, b'mod differenti, jikkontribwixxu għal din il-provvista ta' servizzi kif ukoll il-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-protezzjonijiet legali rrikonoxxuti lill-ħaddiema impjegati b'diversi modi għall-imsemmija provvista ta' servizzi.

54 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-Artikolu 22a(1) u (2) tad-Direttiva 97/67, din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-forniturі ta' servizzi postali jipprovdu lill-ARN, fuq talba ta' dawn tal-aħħar, l-informazzjoni kollha, inkluża l-informazzjoni finanzjarja u dik dwar il-provvista tas-servizz universali, b'mod partikolari, sabiex dawn l-ARN ikunu jistgħu jiggarantixxu l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jew tad-deċiżjonijiet adottati konformement magħha kif ukoll għal finijiet statistiċi preċiżi.

55 Għalkemm dan l-Artikolu 22a ma jinkludix limitazzjonijiet fir-rigward tal-informazzjoni kollha li tista' tkun is-suġġett ta' tali talba għal komunikazzjoni, fid-dawl tal-kliem wiesa' użat f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din l-informazzjoni għandha tintalab sabiex jitwettqu l-kompiti tal-ARN ikkonċernata jew għal finijiet ta' statistika preċiżi. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li jikkonsisti preċiżament, kif stabbilit fil-premessa 51 tad-Direttiva 2008/6, f'li l-ARN ikunu jistgħu jiġbru informazzjoni mingħand l-operaturi tas-suq "sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv". Minn dan isegwi li din is-setgħa tal-ARN li titlob lill-fornituri ta' servizzi postali informazzjoni skont l-Artikolu 22a tad-Direttiva 97/67 hija ddefinita skont il-funzjonijiet fdati lilha.

56 Kif jirriżulta mill-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 97/67, dawn il-funzjonijiet għandhom jikkonsistu, b'mod partikolari, li jiżguraw il-konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-direttiva, b'mod partikolari billi jistabbilixxu proċeduri ta' regolatorji biex jiżguraw il-forniment ta' servizz universali.

57 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 4(1) u (3) tar-Regolament 2018/644 jelenka l-informazzjoni li l-fornituri kollha ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti għandhom jipprovdu lill-ARN ikkonċernata. Din l-informazzjoni tikkonċerna, b'mod partikolari, il-karatteristiċi tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti li joffru, it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, l-għadd ta' pakketti pproċessati kull sena, l-għadd ta' impjegati kif ukoll l-isem tas-sottokuntratturi tagħhom u kwalunkwe informazzjoni li jkollhom dwar il-karatteristiċi tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti pprovduti minn dawk is-sottokuntratturi, jew kwalunkwe lista disponibbli għall-pubbliku li tinkludi t-tariffi applikabbli.

58 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament 2018/644, ARN għandha l-possibbiltà li teżiġi informazzjoni addizzjonali.

59 Mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq jirriżulta li kemm id-Direttiva 97/67 kif ukoll ir-Regolament 2018/644 jippermettu li ARN, sabiex twettaq il-kompiti tagħha, tingħata setgħa wiesgħa fir-rigward tat-tip jew tal-volum ta' informazzjoni li hija tista' teżiġi mill-fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, kemm fir-rigward tas-suġġetti li din l-informazzjoni għandha tirrigwarda, in-natura pubblika jew kunfidenzjali tagħha, kif ukoll il-frekwenza li biha hija tista' titlobha.

60 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-eżerċizzju ta' din is-setgħa wiesgħa għandu jsir fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

61 Fil-fatt, minn naħa, il-possibbiltà li tintalab informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament 2018/644 hija suġġetta għall-kundizzjoni li tali talba tkun "neċessarja u proporzjonata".

62 Min-naħa l-oħra, it-tieni sentenza tal-Artikolu 22a(2) tad-Direttiva 97/67 tipprevedi li l-informazzjoni mitluba mill-ARN għandha tkun proporzjonata għall-bżonnijiet tagħha għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Il-premessa 51 tad-Direttiva 2008/6, li fid-dawl tagħha għandu jinqara l-Artikolu 22a tad-Direttiva 97/67, tistabbilixxi f'dan ir-rigward li t-talbiet għal informazzjoni ta' ARN għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jimponu piż eċċessiv fuq l-impriżi kkonċernati.

63 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat, barra minn hekk, li, skont it-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 97/67, l-ARN jistgħu jiġu inkarigati, minbarra bil-kompiti imposti minn din id-direttiva, bħall-istabbiliment ta' proċeduri ta' monitoraġġ u ta' proċeduri regolatorji sabiex tiġi ggarantita l-provvista tas-servizz universali, b'missjoni li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jafdawlhom, jiġifieri dik li jiżguraw l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali. Fil-fatt, kif jirriżulta minn din id-dispożizzjoni, l-armonizzazzjoni mwettqa mid-Direttiva 97/67 hija biss parzjali u tħalli lill-Istati Membri l-libertà li jadottaw dispożizzjonijiet oħra f'dan il-qasam, li jistgħu, jekk ikun il-każ, jinkarigaw lill-ARN ikkonċernati b'kompiti addizzjonali.

64 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, kif essenzjalment irrilevat il-Kummissjoni waqt is-seduta, is-setgħa ta' regolamentazzjoni *ex ante* tas-swieq sabiex tiġi promossa l-kompetizzjoni hija differenti mis-setgħat li tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni, li jimplika l-applikazzjoni *ex post* tar-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti, li ssir f'każijiet speċifiċi. Minn dan isegwi li din l-applikazzjoni *ex post* tar-regoli tal-kompetizzjoni tista' tiġġustifika talba għal informazzjoni mmirata, ibbażata fuq l-investigazzjoni speċifika pendenti, filwaqt li l-għan tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni jista' jiġġustifika talba għal informazzjoni iktar wiesgħa, li tippermetti lill-ARN, inkarigata b'tali missjoni, teżamina s-suq ikkonċernat sabiex ittejjeb il-kompetizzjoni b'mod prospettiv. B'hekk, għarfien fil-fond tas-suq, li jirrigwarda, b'mod partikolari, is-saħħa ta' ċerti operaturi li huma attivi fih, tal-prezzijiet ta' ċerti servizzi, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jistgħu jikkompromettu l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni f'dan is-suq, jista' jiżvela n-neċessità li jiġu adottati miżuri regolatorji, bl-għan li jiġi evitat riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur ikkonċernat.

65 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi dwar il-proporzjonalità tal-obbligi ta' informazzjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-Artikolu 267 TFUE ma jawtorizzax lill-Qorti tal-Ġustizzja tapplika r-regoli tad-dritt tal-Unjoni għal każ partikolari iżda jawtorizzaha biss tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati u tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita f'dan l-Artikolu 267 TFUE, abbażi tal-elementi tal-proċess, tipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jipprovdulha l-indikazzjonijiet kollha neċessarji sabiex tiggwidaha fl-evalwazzjoni tagħha (sentenzi tad-19 ta' Settembru 2024, Booking.com u Booking.com (Deutschland), C-264/23, EU:C:2024:764, punti 45 u 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta' Marzu 2022, Landkreis Gifhorn, C-519/20, EU:C:2022:178, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Għal dan l-għan, f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa, qabel kollox, jekk l-obbligi ta' informazzjoni imposti mill-AGCOM humiex ta' natura li jippermettu li jintlaħaq l-għan imfittex mill-ARN, jiġifieri li jiġi żgurat it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, sussegwentement, jekk dawn l-obbligi humiex neċessarji sabiex jintlaħaq dan l-għan u, fl-aħħar nett, jekk l-imsemmija obbligi humiex proporzjonati, b'mod partikolari sa fejn ma jikkawżawx, minħabba l-piż amministrattiv li huma jimplikaw, preġudizzju eċċessiv għad-drittijiet u għall-interessi protetti tal-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti.

67 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li huma biss l-obbligi ta' informazzjoni "simetriċi" imposti mill-AGCOM li huma s-suġġett tar-raba' domanda preliminari. Dawn l-obbligi jikkonċernaw, skont il-qorti tar-rinviju, il-kundizzjonijiet applikati fir-rigward tat-tipi differenti ta' klijenti [il-punt (i) tar-raba' domanda], il-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-impriża li tipprovdi s-servizz ta' kunsinna ta' pakketti u l-impriżi li, b'modi differenti, skont il-mudell ta' organizzazzjoni speċifiku għas-settur, jikkontribwixxu għall-provvista ta' dan is-servizz

[il-punt (ii) tar-raba' domanda], il-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-protezzjonijiet legali rrikonoxxuti lill-ħaddiema impjegati b'modi differenti għall-provvista tas-servizz [il-punt (iii) tar-raba' domanda]. Bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, l-obbligi msemmija fil-punt (i) tar-raba' domanda jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 94/22/CONS, dawk imsemmija fil-punt (ii) tar-raba' domanda jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikolu 1(3) ta' din id-deċiżjoni u dawk imsemmija fil-punt (iii) tar-raba' domanda jikkorrispondu għal dawk previsti fil-paragrafi 4 u 5 tal-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni.

68 Għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, sa fejn l-informazzjoni mitluba taqa' taħt il-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament 2018/644, il-qorti tar-rinviju ma tressaq ebda element li jippermetti li tiġi kkontestata l-proporzjonalità tal-obbligi relatati magħhom imposti minn dan ir-regolament, li l-validità tiegħu, f'dan ir-rigward, ma ssemmietx minn din il-qorti, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 83 tal-konklużjonijiet tiegħu.

69 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 4(3)(d) ta' dan ir-regolament jimponi fuq il-forniturі kollha ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti l-obbligu li jikkomunikaw lill-ARN l-isem tas-subappaltaturi tagħhom kif ukoll kull informazzjoni miżmuma minn dawn il-forniturі ta' servizzi dwar il-karatteristiċi tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti żgurati minn dawn is-subappaltaturi, bħall-modalitajiet ta' ġbir u ta' distribuzzjoni tal-pakkett, skont il-piż jew id-dimensjonijiet tiegħu. Minn dan jirriżulta li, l-ewwel, dawn il-karatteristiċi ma jirrigwardawx il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal impjegat minn entitajiet terzi, bħal subappaltaturi, li jikkontribwixxu għall-provvista ta' dawn is-servizzi, kundizzjonijiet li huma s-suġġett tal-obbligi ta' informazzjoni previsti fl-Artikolu 1(4) u (5) tad-Deċiżjoni 94/22/CONS. It-tieni, hija koperta mill-imsemmi Artikolu 4(3)(d) tal-imsemmi regolament biss l-informazzjoni li tali fornitur ta' servizzi jkollu effettivament. Għaldaqstant, dan l-obbligu ma jimplikax li dan il-fornitur għandu jiġbor informazzjoni addizzjonali mingħand is-subappaltaturi tiegħu.

70 Minn dan isegwi, fit-tieni lok, li l-informazzjoni li ma taqax taħt il-kategoriji ta' data elenkati fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament 2018/644 għandha tkun is-suġġett ta' eżami tal-kundizzjonijiet tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ tal-informazzjoni dwar, fir-rigward tas-suq rilevanti, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tal-forniturі ta' servizzi jew tas-subappaltaturi tagħhom kif ukoll ta' dik relatata mal-fatturi li jiddeterminaw il-prezz u l-kwalità tas-servizzi kkonċernati.

71 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-kapaċità tal-informazzjoni mitluba li tippermetti lill-ARN twettaq il-funzjonijiet tagħha, għandu jitfakkar li l-ANR għandhom, skont l-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 97/67, b'mod partikolari, il-kompitu li jiżguraw l-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw minn din id-direttiva, b'mod partikolari, billi jistabbilixxu proċeduri ta' monitoraġġ u ta' proċeduri regolatorji sabiex jiggarantixxu l-provvista tas-servizz universali.

72 Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 97/67, l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw il-provvista ta' servizzi postali għal awtorizzazzjoni ġenerali jew għal liċenzja individwali, filwaqt li jissuġġettaw l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet, relatati, b'mod partikolari, mal-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

73 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-obbligi ta' informazzjoni "simetriċi" inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma imposti fuq l-impriżi li jipprovdu servizzi ta' kunsinna ta' pakketti bħala detenturi ta' liċenzja individwali jew ta' awtorizzazzjoni ġenerali. Ma huwiex speċifikat jekk is-servizzi ta' kunsinna tal-pakketti pprovduti minn dawn l-impriżi jaqgħux fil-kamp ta'

applikazzjoni tas-servizz universali jew le. B'hekk, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, BRT tirrileva li s-servizzi tagħha ma jaqgħux taħt is-servizz universali.

74 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-analiżi tal-istruttura sħiħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 97/67 jirriżulta li l-kelma "awtorizzazzjonijiet", użata f'din id-dispożizzjoni, tirreferi kemm fl-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, kif ukoll għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu, jiġifieri l-awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw kemm is-servizzi li ma jaqgħux taħt is-servizz universali kif ukoll dawk li jaqgħu taħtu. Għalhekk, skont il-ħames inċiż tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(2) ta' din id-direttiva, il-forniturі kollha ta' servizzi postali, inklużi dawk li ma jipprovdux servizzi li jaqgħu taħt is-servizz universali, jistgħu jiġu suġġetti għall-obbligu li josservaw il-kundizzjonijiet ta' xogħol previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, DHL Express (Austria), C-2/15, EU:C:2016:880, punti 27 u 28).

75 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, fil-każ ta' provvista ta' servizzi li ma jaqgħux taħt is-servizz universali, jistgħu jingħataw awtorizzazzjonijiet ġenerali, abbażi tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 97/67, sa fejn dan ikun neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-osservanza tar-rekwiżiti essenzjali għall-provvista tas-servizzi postali. Dawn huma ddefiniti fil-punt 19 tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva. Fost dawn hemm ir-"rispett għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, skemi tas-sigurtà soċjali, stabbiliti minn liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva u/jew bi ftehim kollettiv innegozjat bejn imsieħba soċjali nazzjonali, skond id-dritt Komunitarju u nazzjonali".

76 Minn dan isegwi li informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħal dik mitluba mill-AGCOM skont l-Artikolu 1(4) u (5) tad-Deċiżjoni 94/22/CONS, tista' titqies li hija ta' natura li tippermetti lill-ARN twettaq il-missjoni tagħha dwar il-kontroll tal-eżekuzzjoni tal-obbligi imposti fuq forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti li għandhom liċenzja individwali jew awtorizzazzjoni ġenerali, fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 97/67.

77 It-tieni nett, fir-rigward tan-neċessità tal-informazzjoni mitluba, din għandha titqies li hija stabbilita jekk, fl-assenza ta' din l-informazzjoni, l-ARN ma tistax twettaq b'mod adegwat il-kompiti attribwiti lilha.

78 Kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 88 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-eżerċizzju tal-missjoni ta' sorveljanza tal-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mil-liċenzji individwali u mill-awtorizzazzjonijiet ġenerali mogħtija lill-forniturі ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti jimplika li l-ARN għandha informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati u dwar il-protezzjonijiet legali rrikonoxxuti lill-ħaddiema attivi fil-kuntest tal-provvista tas-servizzi kkonċernati. Għalhekk, l-obbligu li jiġu kkomunikati l-kuntratti standard konklużi ma' dawn l-impjegati, f'kull livell tal-organizzazzjoni, kif ukoll dak li ssir komunikazzjoni dwar l-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fir-rigward tal-persuni li jipparteċipaw fil-provvista ta' servizz ta' kunsinna ta' pakketti, kif imposti fl-Artikolu 1(4) u (5) tad-Deċiżjoni 94/22/CONS, ma jidhirx li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex din il-missjoni titwettaq b'mod effettiv.

79 Bl-istess mod, il-missjoni li tiġi żgurata l-provvista ta' servizzi postali ta' kwalità, b'mod partikolari tas-servizz universali, fl-interess tal-utenti ta' dawn is-servizzi teħtieġ li tkun tista' tinġabar informazzjoni dwar il-fatturi li jiddeterminaw il-prezz u l-kwalità tas-servizzi kkonċernati jew ukoll dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tal-forniturі ta' servizzi preżenti fis-suq

ikkonċernat u tal-persuni li jikkontribwixxu għall-provvista ta' dawn is-servizzi. Kif irrileva, essenzjalment, il-Gvern Taljan fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-użu tal-esternalizzazzjoni tas-servizzi kkonċernati u l-użu ta' kuntratti ta' subappalt, spiss f'kaskata sa frammentazzjoni kbira ħafna tal-fażi ta' kunsinna, jistgħu jagħmlu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tax-xogħol li fihom dawn is-servizzi jiġu pprovduti ftit li xejn trasparenti. Minn dan isegwi li l-għarfien tal-organizzazzjoni tan-network huwa neċessarju sabiex l-ARN tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv is-suq ikkonċernat u, jekk ikun il-każ, tintervjeni billi tadotta miżuri regolatorji.

80 Minn din il-perspettiva, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, l-impożizzjoni ta' obbligi ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-impjegati li jipparteċipaw fil-provvista ta' servizzi kkonċernati, il-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-impriżi li jikkompetu għal din il-provvista ta' servizzi kif ukoll il-prezzijiet u kundizzjonijiet oħra li taħthom is-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti huma pprovduti lill-pubbliku u lil klijenti professjonali speċifiċi, bħal dawk imposti fl-Artikolu 1(2) sa (5) tad-Deċiżjoni 94/22/CONS, tidher neċessarja sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

81 It-tielet u l-aħħar nett, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk l-informazzjoni mitluba hijiex proporzjonata, b'mod partikolari peress li ma timponix piż eċċessiv fuq il-fornituri tas-servizzi ta' kunsinna ta' pakketti. Din l-evalwazzjoni tikkonsisti f'evalwazzjoni tal-piż impost mill-obbligi ta' informazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali f'termini ta' żmien, ta' riżorsi finanzjarji u umani fid-dawl tad-daqs tal-fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti suġġetti għal dawn l-obbligi ta' informazzjoni. Dan jimplika li jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi differenti, bħalma huma t-termini li fihom dawn l-obbligi għandhom jitwettqu, in-natura u l-kwantità tal-informazzjoni mitluba, kif ukoll il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ.

82 Għalkemm tali evalwazzjoni għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, konformement mal-ġurisprudenza rrilevata fil-punt 65 ta' din is-sentenza, jista' jiġi osservat li, sa fejn il-provvista ta' kuntratti standard tippermetti li tiġi kkomunikata l-informazzjoni mitluba lill-ARN, ikun eċċessiv li l-fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti jintalbu jikkomunikaw il-kuntratti kollha fis-seħħ li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-operatur awtorizzat li jipprovdi lill-pubbliku servizzi ta' kunsinna ta' pakketti u l-impjegati tiegħu kif ukoll il-persuni li jikkontribwixxu għal din il-provvista ta' servizzi.

83 Barra minn hekk, anki jekk data bħall-prezzijiet innegozjati mal-klijenti professjonali, li f'dan il-każ hija s-suġġett tal-obbligu ta' informazzjoni impost mid-Deċiżjoni 94/22/CONS, tikkostitwixxi, għall-fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali sensittiva, għandu jitfakkar li l-kunfidenzjalità stretta tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali pprovduta mill-fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti għandha tiġi żgurata skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 2018/644 u l-Artikolu 22a(2) tad-Direttiva 97/67. Għalhekk, billi jiżgura li din id-data ma għandhiex tkun anonimizzata minn dawn il-fornituri, li jimplika piż amministrattiv sinjifikattiv għal dawn tal-aħħar, jidher li l-leġiżlatur tal-Unjoni bbilanċja, minn naħa, l-interessi tagħhom fl-eżerċizzju tal-libertà ta' intrapriża ggarantita fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, dawk ta' ARN li tikseb din l-informazzjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha.

84 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikoli 22 u 22a tad-Direttiva 97/67 kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament 2018/644 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li ARN timponi fuq fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti obbligi ta' informazzjoni ġenerali, li jirrigwardaw, b'mod partikolari,

il-kundizzjonijiet ipprattikati fir-rigward tad-diversi tipi ta' klijenti, jiġifieri l-pubbliku u ċerti klijenti professjonali, fuq il-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjonijiet mal-impriżi li, b'diversi modi, jikkontribwixxu għal din il-provvista ta' servizzi kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-protezzjoni legali mogħtija lill-ħaddiema impjegati b'diversi modi għall-imsemmija provvista ta' servizzi, sakemm l-obbligi imposti jkunu ta' natura li jippermettu t-twettiq tal-funzjonijiet assenjati lil din l-awtorità, ikunu neċessarji għal dan l-għan u jkunu proporzjonati sa fejn ma jimponux piż eċċessiv fuq dawn il-forniturі ta' servizzi.

Fuq l-ispejjeż

85 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

li japplika, fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-ARN ikkonċernata, għal kull fornitur ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti, indipendentement min-natura nazzjonali jew transkonfinali tas-servizzi kkonċernati, ħlief fil-każ ta' esklużjoni speċifika.

2) L-Artikoli 22 u 22a tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, kif emendata bid-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008, kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament 2018/644

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux li ARN timponi fuq fornituri ta' servizzi ta' kunsinna ta' pakketti obbligi ta' informazzjoni ġenerali, li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ipprattikati fir-rigward tad-diversi tipi ta' klijenti, jiġifieri l-pubbliku u ċerti klijenti professjonali, fuq il-kuntratti li jirregolaw ir-relazzjonijiet mal-impriżi li, b'diversi modi, jikkontribwixxu għal din il-provvista ta' servizzi kif ukoll fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-protezzjoni legali mogħtija lill-ħaddiema impjegati b'diversi modi għall-imsemmija provvista ta' servizzi, sakemm l-obbligi imposti jkunu ta' natura li jippermettu t-twettiq tal-funzjonijiet assenjati lil din l-awtorità, ikunu neċessarji għal dan l-għan u jkunu proporzjonati sa fejn ma jimponux piż eċċessiv fuq dawn il-forniturі ta' servizzi.

Firem